# IL-LOGĦBA TAX-XIXU F'MALTA

**Steve Borg**

**Ħafna mil-logħob li jintlagħab fil-Gżejjer Maltin jaf l-oriġini tiegħu għal żmien il-Kavallieri. Ngħidu aħna, għalkemm il-logħba tal-boċċi tagħna għandha r-regoli tagħha, nafu li tixbaħ lill-*boule* li jilagħbu ġewwa Provenza fi Franza. Logħba li tidħer li daħlet fi żmien l-Ingliżi hija x-xixu. Aħna nafu li l-*cricket* bħala sport huwa popolari ħafna f'xi eks-kolonji tal-Imperu Brittaniku, bħall-Indja, l-Afrika t'Isfel, l-Awstralja u l-Gżejjer tal-Karibew u naturalment fir-Renju Unit. Għalkemm bdiet tintlagħab f'pajjiżna aktar minn mitt sena ilu, baqgħet popolari bejn l-Ingliżi li kienu jservu mas-servizzi. Tant li Malta saret membru fl-*International Cricket Council* fl-1998. Il-popolin minflok addatta l-logħba tax-xixu.**

Jiena tkellimt ma' għadd ta' nies minn diversi postijiet biex niddokumenta xi varjanti tagħha, qabel ma jkun tard wisq, aktar u aktar issa li Malta nbniet u ftit huma dawk it-tfal li tara jilagħbu barra bħal dari.

**Ċensu Zahra,** Tal-Griega mill-Belt Valletta trabba id-Due Balli, ħdejn il-Fossa. "Nannti, Lela Zahra, kienet Maltija ta' Korfu. Kienet taf titkellem bil-Malti, bl-Ingliż u bil-Grieg. Kellha l-*Bing Crosby Bar* id-Due Balli stess. Dan kien magħruf għall-iswed li kien ikanta hemm. Ma kien ħadd ħlief zijuwi Nenu Tal-Griega, li kien jinżebagħ u jitla' fuq il-palk tal-ħanut waqt li n-nannu Pietru Pawl idoqq il-mużika ta' *Al Johnson* fuq il-pjanu *Wurlizter.*"

"Ix-xixu kienet logħba li nagħmlu għaliha ħafna, għaliex trid tiċċaqlaq, mhux tibqa' wieqaf. Insibu xi kaxxa tal-merkanzija u naqilgħu maxxella, injama li jużawha wkoll il-kuntratturi meta jkunu se jagħtu l-konkos. Taqbad ix-xixu u tmiddu mal-art. Sieħbi Ċensu Ta' Ġanna kien jaf imidd idejh sabiex jaħdem ix-xixu u l-paletta. Aħna lilu konna ngħidu sabiex jagħmlilna sett. Ommu kellha ħanut tar-ravjul u tat-tè il-Belt. Dejjem bin-nies. Kien hemm min minflok paletta kien juża zokk ta' siġra, iżda paletta aħjar għaliex għandha wiċċha ċatt. Bil-paletta trid toqros ix-xixu li jkun mindud mal-art sabiex dan jogħla u hekk kif ikun maqtugħ tagħtih daqqa b'kemm għandek saħħa bin-naħa ċ-ċatta tal-paletta, ħalli tbiegħdu kemm jista' jkun 'l bogħod mis-sinjal. Dan is-sinjal inkunu għamilnieh b'biċċa ġebla mal-art u kull min ikun se jilgħab ix-xixu jrid jilgħab minn mal-istess sinjal. Ix-xixu jista' jaħbatlek mal-ħajt u jerġa' lura u jweġġgħek. Hekk kif tolqtu trid tara fejn ikun mar, taqbad il-paletta u tibda tgħodd b'tulha mis-sinjal sa fejn ikun straħ ix-xixu. U tgħid:

**"Għandi erbgħin qies."**

Qatt ma jkun aktar minn xixu wieħed li qed jilgħab. Hekk kif jinġabar ix-xixu, min imissu jmur mas-sinjal ħalli joqros ix-xixu u jagħti d-daqqa hu. Min iwasslu l-aktar jirbaħ. Tispiċċa l-logħba u sid ix-xixu jiġbru u u jiġbor il-paletta u jżommhom miegħu għal logħba oħra. Kulħadd kellu xixu d-dar.

**Toni Vella**, l-Burqax minn Ħaż-Żabbar jgħidli li "x-xixu logħba ta' triq kennija. Konna nilagħbuha fis-Snin Ħamsin. Fit-triq tagħna f'Ħaż-Żabbar kien hemm mastrudaxxa, Ċikku l-Piżatur, li konna mmorru għandu ngħidulu "Għandek biċċa njama għax-xixu?" U jagħtina biċċa njama tal-fagu jew tal-aħmar. Din trid tkun twila ma' xi erba' pulzieri. Xogħolna kien li nittundjawha b'raspa, u nixkatlawha ħalli nillixjaw il-ġnub. Dan nagħmluh ħalli x-xixu ikun jista' jinqaras mill-paletta, kif ukoll meta twaddbu mhux biss itir aħjar iżda ma ddaħħalx xi skalda f'idejk. Injam tal-abjad ma kienx tajjeb għaliex dak malajr jispiċċa bid-daqqiet."

**Joe Attard Tabone** mix-Xagħra, qatt ma sema' b'min lagħab din il-logħba f'Għawdex.

Mill-banda l-oħra, **Mario Gauci** mill-Belt Valletta jiftakar "meta fil-Liceo tal-Ħamrun bejn l-1970-75 ix-xixu kienet tintlagħab kull filgħodu fit-triq qabel ma nidħlu l-iskola. It-tfal kienu minn Malta kollha."

**Lino Sultana** minn Wied il-Għajn jaf regolamenti differenti għax-xixu. "Qabel ma tibda l-logħba nkunu diġa ftehmna b'kemm il-qies wieħed jirbaħ u jagħlaq il-logħba. Meta tolqot ix-xixu u tara fejn ikun wasal xi ħadd jistaqsik: "Kemm se tieħu?" Ikun qed jistaqsik kemm taħseb li għandek tul. Jekk titħanżer u tgħidlu aktar milli jirriżulta li jkun meta jitkejjel, ma tiħux qisien, u jekk tgħidlu inqas, bħal ngħidu aħna sebgħa u tletin, meta fil-fatt tkun wasalt ix-xixu erbgħin qies, hemmhekk tieħu kemm tkun iddikjarajt, u allura titlef tlieta u tieħu l-oħrajn (37). Xi drabi jirbaħ min ikun jaf ikejjel sewwa fuq għajnejh għaliex jieħu l-qisien li jkun tefa'."

Kif jiftakar il-logħba **Fredu Pulis** Ta' Pulis minn Wied il-Għajn ukoll hija b'varjant ieħor. "Ix-xixu tintlagħab bil-pari, min jattakka u min jiddefendi. Wieħed minn dawk li jattakkaw ikollu l-galetta li tkun għamla ta' kaxxa mħażża mal-ħajt. Ta' kontrik ikollhom ix-xixu. Wieħed minnhom jitfgħu b'idu minn bogħod ta' xi għoxrin pied sabiex jolqot il-galetta tiegħek, qisha l-lasta li int qiegħed tħares". "Int, li jkollok il-paletta, trid toqlot ix-xixu li jkun ġej lejn il-galetta u tbiegħdu kemm tista' bid-daqqa li tagħtih. Jekk ix-xixu jiġi milqugħ minn ta' kontrik mingħajr ma dan qabel ikun miss mal-art, mela hemm tinqala' 'barra. Jekk ix-xixu jistrieħ mal-art, jiġi jilgħab tal-paletta li jkollu d-dritt li joqorsu tliet darbiet, dejjem ibiegħdu kemm jista' mill-galetta. "Irid joqgħod attent, għaliex meta jkun qaras ix-xixu sabiex jagħtih daqqa bil-paletta, ta'

kontrih għandhom id-dritt li jkunu ħdejh, u faċilment jilqgħu x-xixu li jkun għadu kif inqaras qabel ma dan qala' daqqa ta' paletta jew jaqa' mal-art. Wara t-tielet daqqa nfila, tal-paletta jrid jiddikjara kemm il-qies se jieħu. Jitlob aktar u ma jieħu xejn. Fil-bidu tal-logħba jkunu ftehmu b'kemm il-qies tagħlaq il-logħba. Jekk ma jkollux biżżejjed qisien, ikun imisshom sħabu li jagħtu bil-paletta.
"Dawn jitilfu jekk ikunu kollha nqalgħu għaliex jew kellhom ix-xixu li jkunu tajru bil-paletta li ġie milqugħ, jew inkella l-bejta tagħhom intlaqtet mix-xixu mitfugħ minn ta' kontrihom, qabel ma leħqu għalqu l-qisien miftiehma."

Lil Ċensu Zahra tal-Griega, Toni Vella tal-Burqax u Lino Sultana, ilkoll kellimthom fl-1 ta' Diċembru 2005; lil Joe Attard Tabone u Mario Gauci kellimthom fit-3 ta' Diċembru 2005 u lil Fredu Pulis fis-7 ta' Diċembru 2005.

# Logħob ieħor tradizzjonali ġewwa Wied il-Għajn

Tkellimt ma' **Salvu Debono** minn Wied il-Għajn fit-19 ta' Novembru u fl-1 u s-7 u 9 ta' Diċembru 2005.

"Fi tfuliti, fis-Snin Ħamsin tgħidx kemm konna nilagħbu logħob barra. Fit-triq, fl-għelieqi, kullimkien għandna minn fejn nagħżlu. Tal-Kawbojs u l-Indjani, Malta Tagħna, Noli, il-qliba, Gwerra Franċiża, Ġejja l-Mewt Għalik, iċ-ċirku, il-boċċi, ix-xixu jew noħorġu bil-wadab għall-kaċċa tal-gremxul. Li trid."

Xi ħadd jgħid:

"Nagħmlu Gwerra Franċiża?"

Kif tintlgħab il-Gwerra Franċiża? Ninġabru qaqoċċa. L-aktar li konna




nfittxu kienet xi għalqa mbattma lejn iż-Żonqor, inkella il-ftuħ ta' qrib il-knisja. Qabel tibda l-logħba, tnejn minnha jaqtgħu t-tokk biex jagħżlu l-hekk imsejjħa "suldati" tat-tim tagħhom. Ġieli anki konna tmienja fuq kull naħa. Nagħmlu żewġ sinjali mal-art, wieħed għal kull tim, imbiegħda aktar minn xi tletin pied, jew daqs bogħod ta' tefgħa ta' ġebla, u wara s-sinjali nsejjħulu "il-belt". Jekk tkun triq nagħmluh minn ħajt sa ħajt. Kemm kienu jgħaddu karozzi? Xejn.

Mela kull tim għandu l-belt tiegħu, li hi mgħassa mis-sinjal li hemm mal-art. Dan is-sinjal konna nagħmluh bil-ġibs jew b'xi biċċa ġebla miġbura minn ħdejna. Kulħadd jieħu postu wara s-sinjal sabiex tibda l-logħba. Joħroġ wieħed, bħala lixka, sabiex iħajjar xi ħadd mill-għadu biex joħroġ għalih. Min joħroġ l-aħħar jista' jaqbad lil kull min ħareġ qablu. Allura dan ifisser li min ikun diġà ħareġ wara s-sinjal u ġie bejn l-ibliet, ma jistax jaqbad lil min ħareġ warajh.

Biex taqbad suldat kull ma trid tagħmel huwa li tmissu. Dak li tmiss isir priġunier u jkollu jmur fil-ħabs tiegħek. Għaliex fil-bidu tal-logħba, minbarra l-belt, kull tim ikollu l-ħabs tiegħu li fih iqiegħed lill-priġunieri tat-tim ta' kontrih. Il-ħabsijiet kienu jkunu fil-ġenb, opposti ta' xulxin u bejn iż-żewġt ibliet, aktar qrib il-belt ta' min huwa l-ħabs. Il-priġunieri jridu jistennew lil sħabhom sabiex jeħilsuhom. Dan jagħmluh billi joħorġu mill-belt u jmorru jiġru lejn il-ħabs tal-għadu u jmissu lill-priġunieri sħabhom.

Mhux daqshekk ħafif għaliex ikun hemm is-suldati ta' kontrik qed jistennew toħroġ mill-belt tiegħek u tista' tispiċċa priġunier int. Jekk tkun ħriġt mill-belt u ma tkunx tista' taqbad xi tali li ħareġ warajk, ikollok terġa tidħol fil-belt tiegħek sabiex terġa' tibda mill-ġdid. Tista' toħroġ u tidħol fil-belt tiegħek kemm il-darba trid. Il-logħba tintrebaħ meta xi ħadd jidħol fil-belt, wara s-sinjal tal-għadu u b'hekk tintemm. Mhux daqshekk ħafifa għaliex kull min ikun qiegħed jilgħab, minbarra li jattakka, ikun qed jgħasses lill-belt tiegħu. Ma tgħaddix logħba li ma jixkanax xi ħadd u jinstelaħ biż-żrar. Kien hemm logħbiet li ħadu nofs siegħa. Ikun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk wieħed intmissx jew le, jew jekk l-ieħor rifisx is-sinjal tal-belt. Din hija logħba fejn il-ħeffa tiswa aktar mis-saħħa. S'intendi, din ma tapplikax għal meta niġu fl-idejn.

Il-logħba **Malta Tagħna** konna nilagħbuha mhux biss fl-art imma fil-baħar. Insibu blata naqra maqtugħa mill-art u naqtgħu t-tokk għal min se jkun fuqha l-ewwel. Tkun m'għola dawk l-erba' filati. Wieħed biss ikun fuqha filwaqt li l-bqija jridu jitilgħu għalih, wieħed wara l-ieħor u mhux kulħadd f'daqqa. Mela jekk wieħed qiegħed iħarisha, jitla' wieħed

ghalih. irk) jimbuttah ghal isfel u jkun wahdu fuq il-biata. Waqt li tnejn ikunu qed jissieftu, l-ohrajn indu jistennew li xi hadd jaqa[1] ghal isfel halli min imissu jibda jissieiet ma' min ikun fuq iFblata. Din loghba skabruża u fiha tista' tweġġa'. Darba jien kont tlift lil wiehed minn sensih. Fil-bahar tintiaghab ukoll. Ahna konna nilaghbu fuq hàfa n-naha taż-Żonqor. Kif taf sew, hàfa hija blata fil-bahar li tkun flit taht il-wiċċ, tant li meta t-bahar ikun fieragh, din tixref rasha u tiġi tidher.

### Il-wad ab

Imma loghba li nhobbu wisq kienet il-kaċċa biFwadab. Il-qatgha ta' tfal li trabbejt maghhom jien, kollha kellna l-wadab, li kien qisu parti mill-*kit* fì jrid ikollok biex tkun normali. Kulhadd jaghtih l-istil personali, min bil-maqbad twil u min qasìr. Immorru nfittxu xi stġra tal-ħarrub, naqtghu fergha b'sega inkella b'idejna u nirranġawha d-dar. Importanti fì l-fergha jkollha ghaksa u tìftah fghamla ta' Y. Inneħhu l-weraq, inqaxru Fqoxra btl-mus u nillixxaw xi ingroppi fìl-maqbad b' xi biċċa lima jew karta tal-ixkatiar. Wara nhallu l-fergha tinxef. Aktar ma tinfex aktar tibbies u inqas timmolla. Ikollok bżonn ìssib il-lasktu ta' tubu ta' tajer ta' karozza. Dan aqwa minn ta' rota ghaliex ikun ehxen, aktar b'sahhtu u jdum aktar biex jispiċċa. Kont immur ghand mekkanik u nitolbu biċċa li minna naqta' żewġ strìxxi li se norbot maF wadab. Qed nghid strìxxi ta' xi pied kull wahda, ghaliex wiehed ned iqis ukoll it-tul li bih kull strìxxa riedet tintrabat. Ikollhom wisa' ta' xi tliet kwarti ta' pulzier jew fttt aktar. Int tkun dtġà sìbt Filsien tal-ġilda ta' xi żarbun mormi. Trid tkun ġilda ratba ghaliex il-ġebla jew x'se tispara bih, tinhakem hafna ahjar. L-ilsien kien l-ahjar parti, ghalkemm ġieli użajna wiċċ ta' żarbun ukoll. Il-ġilda tinqata' b'imqass fghamla ta' kaxxa tawwalija, u taghmlilha l-ġnub ittundjati. Mela s'issa ghandna F fergha fghamla ta[1] Y qed tinxef, u l-istrixxi tal-lasktu u l-ġilda maqtughin. Wasalna sabiex inghaqdu kollox flimkien.

L-ewwel trid tghaqqad Fistrixxi maF ġilda. Din tkun ghamiltilha żewġ qasmiet, harira akbar milt-wisa' tal-lasktu li jkun irid jghaddi minnhom. Hekk kif tghaddi Flastiku minn ġoF qasmiet H ghamilt, torbot tarf kull lasktu bì spag irqiq jew harir u taghmel l-ghoqiedi. Kien hawm min kien juża l-passa perla. Din biż-żmien tispiċċa ddghajjef il-lasktu bil-ġbid. Wara torbot iMasktu mal-wadab, bl-istess spag jew harir. Tinsiex li l-ħarir jaqta'. Ikollok wadab mhux biex tiddandan bih iżda biex tużah. Bih tista' twaddab xi ġebla żghira distanza twila, anki mija u hamsin pied. Nużaw kollox biex nisparaw, mhux biss ġebel: ċaghqiet, boċċi, *ball bearings,* skorfini u, nrftakar lil siehbi jispara pum taċ-ċeramika. Darba lqat tajra safra waqt li kienet ittir u baqghet sejra. U darb' ohra waddabt ghal kuda. Jintuża Faktar ghall-ghasafar taFbejt u taFmaltemp, iz-zakak, imma l-aktar waqt iFkaċċa ghalF gremxul.

Fis-Sajf żmien il-gremxul. U mmorru nfittxu l-gremxula, il-wiżgha u x-xahmet, u jekk tiġina tajba anki xi serp. Il-ġurati wkoll jidhlu fil-mira. Hadd ma kien jehlisha. Kull ma jiċċaqlaq infaqqghu fuqu.Tarahom jilaghqu x-xemx ma' xi hajt tas-sejjieh jew xi biċċa blata, nersqu kemm jista' jkun qrib u kif naraw li xammitna, naghtuha tir. LilF gremxula nsejhulha s-sultan, ghaliex hija ghandha Fisbah ilwien milFannimali li jrtkaxkra. Il-priża niġbruha u nżommuha ġo bott biex naraw min qabad Faktar. Jekk ma noqtluhiex jew inferuha, li Men rari, nerġgħu noqoghdu ghassa ghax fxi ħin se tohroġ. Naqbdu aktar gremxul ghaliex aktar abbundanti u aktar ikunu għall-miftuħ. Konna mmorru wkoll iFMaghluq ghaliex hemm iżommu Fmazzarett minftabba li mimii ilma salmastra. Ikunu weqfin fFaija jew jistriehu fuq is-simar taF bahar. Anki żnnġ ma jahrabiintex jekk jixref rasu minn xi ghadira. Mhux Fewwel; darba li Fpultzija hadulna Fwadab, u min jaf kemm IF darba spiċċajna l-ghassa. Imma konna ghadna żghar wisq. Jien ketli mat-tnax-il sena. U ghalkemm jeħodhielna, fcien diga' jkollna ohra merfugha d-dar ghal li jista' jinqala'. U Fghada nerġgħu nohorġu.

Darba nkun qed indur hdejn kamra fir-raba' lejn iż-Żonqor u nara bir battal milFilma, mimli terrapien. Qalb iFġebel deherli lì rajt bhal dahar ta' fekruna. Pront qbadt iF wadab u fajjart tir u hadtha f nofsha. Meta rajt li ma tħarkrtx, ersaqt u harist lejha aktar mHFqrib u fdaqqa wahda ksahl Skoprejt li ma kienx hemm wahda iżda hafna aktar. U ma tharkux. Iżda minflok fMeren dawn kienu *hand grenades* taF gwerra.

Mort niġri Fghassa, sibt puitzija, ghidtlu b'koliox u ċempel x'imMen. Wara flit niżlu żewġ *land rovers* mimlija suidati Ingliżi, dawru F post u warrbu n-nies. Xi hadd minnhom niżel fil-bir u nehha Friand *grenades.*

Tant konna nissugraw li nrftakar li jien u siehbi minn Wied iFGhajn ukoll konna dħalna F Be lt apposta biFwadab. Hbejnihom fi hżiemna u ghattejnìhom biFġersi. Moma hdejn *Il-Main Guard,* fejn Men hemm is-suldati jaghmlu d-drill, qsamna lejn iFPalazz taFGvematur u dhalna hdejn Fistatwa taFĠgant. Konna sima nafu lt f dik iFbitha Men jidhol F istumell jorqod qalb is-siġar. Kien hemm qtajja" ta' mijiet. Harisna madwama u meta deheriina li kollox sew, hriġna Fwadab u bdejna nisparaw.

Ilium inhares lura u jkMispjaċini ta' dak li ghamilt, allavolja naf li dak kollu kien bluha tat-tfulija. Tahqar F annimali huwa hażtn u issa li mort fxi riservi naturali, inhares lejn in-natura b'rispett u nahsibha mod iehor.

@ **Steve Borg.**